**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 16 ta' Jannar 2020

Rikors Numru: 223/19 AL

**A B**

Vs

**C sive C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu fl-għoxrin (20) t' Awwissu tas-sena elf disa' mija disgħa u sittin (1969) u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal li llum huma maġġorenni u miżżewġa;

2. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati jgħaddu għall-kuntratt ta' separazzjoni (ara Dok B anness) in forza ta' Digriet mogħti mill-

Qorti Ċivli (Prim'Awla) datat it-tnejn (2) t' April tas-sena elfejn u erbatax (2014);

3. Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995);

4. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom de facto separati mis-sena elf sia' mija ħamsa u disgħin (1995) illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi minkejja li ai termini tal-artiklu ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għad-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin, ir-rikorrenti jħallas lill-intimata is-somma ta' elf ewro fix-xahar tul ħajjitha kollha;

6. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' dan il-pagament li jsir kull xahar.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet li filwaqt illi ghandha r-rizervi morali taghha dwar il-kuncett stess tad-divorzju, ma hiex qed topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta’ Lulju, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ April, 2014 u *de facto* separati mis-sena 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.